KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Disa' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 2** **Tlieta 23 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:15pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi-Sindku
Christopher Grech- Kunsillier
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici -Kunsillier
Rachel Abela -Kunsillier
Andre Buhagiar-Kunsillier
Aiken Zerafa -Kunsillier
Chantelle Portelli-Kunsillier
Charles Schembri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Anthony Agius Decelis – Kunsillier

**ASSENTI:** Nil

**MISTIEDEN:** Daniel Galea (Accountant)

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv (preżenti għall-*Handover*)

**MINUTI:**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**2.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Agius Decelis. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Agius Decelis.

**2.2 KUNSIDERAZZJONI TAL- MINUTI NUMRI 1.**

18:19 Daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Cassar

Il-membri preżenti approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 1.

**2.3 KOMMUNIKAZZJONI / KORRISPONDENZA MIS- SINDKU**

2.3.1 Ittra elettronika – Ta' Alwan 23/07/2024

Is-Sindku beda billi qara ittra li rċieva mingħand resident tal - Alwan fejn kien qed jesprimi l-konċern tiegħu rigward it-telf ta' Kummerċ fiċ-Ċentru tal-Mosta wara li sar il-Proġett ta' renovazzjoni. Waħda mir-raġunijiet illi ngħatat fir-rigward tat-telf ta' Kummerċ kien in-nuqqas ta' Parking kif ukoll li m'hemmx aċċess lejn iċ-Ċentru tal-Mosta fil-*Weekends*.

2.3.2 Ittra elettronika mingħand il-Kunsillier Agius Decelis

Is-Sindku rċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsillier Agius Decelis sabiex il-kunsillier Grech jidħol minfloku fit- *Traffic Management Committee* (TMC). Is- Sindku qal li jixtieq li t-TMC ikun kumitat ġdid, b'uċuħ ġodda, u *with a fresh start*. Is- Sindku talab lill-Kunsilliera sabiex jara jaqblux illi l-Kunsiller Grech għandux jidħol fit- TMC minflok il-kunsillier Agius Decelis. Il-membri qablu. Madankollu, il- Kunsillier Grech qal illi l-laqgħa tat-TMC m'għandhiex sseħħ peress li hemm post vakanti, jekk ma tkunx milqugħa t-talba tal- Kunsillier Agius Decelis, u li dan il-post għandu jittieħed mill-Kunsillier Grech sabiex ikun hemm rappreżentazzjoni minn żewġ membri tal- Partit Laburista u tlett membri tal-Partit Nazzjonalista. Il-Kunsilliera Bayliss immarkat illi l-laqgħa għandha sseħħ xorta minħabba illi l-Kunsillier Decelis ma tax raġuni valida għat-tibdil tat- TMC. Il-Viċi Sindku enfasiżża li sakemm jintlaħaq quorum, il-kumitat għandu jiltaqà xorta.

2.3.3 Progressjoni ta' Salarji tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali – Ramona Calleja

Il-Kunsill qabel nem. con. illi Ramona Calleja tiprogressa min *notch* 6 għal *notch* 7.

2.3.4 Progressjoni ta' Salarji tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali – Aaron Debono

Il-Kunsill qabel nem. con. illi Aaron Debono jiprogressa min *notch* 6 għal *notch* 7.

2.3.5 Laqgħa introduttorja mal-ERA

Is- Sindku informa lill-membri tal- Kunsill li saret laqgħa mal- ERA rigward is- siġar tal-*ficus* tal-Pjazza. Is-Sindku qal illi ġie nfurmat li dawn is-siġar tal-Pjazza kienu qed jieħdu ħsiebhom Ambjent Malta bis-sħiħ, u m'humiex fir-*remit* tal-Kunsill peress li kienu taħt kura intensiva. Din il-laqgħa ikkonkludiet illi dawn is-siġar ser jissaqqew minn Ambjent Malta darba fil- ġimgħa min naħa tagħhom, kif ukoll jissaqqew kuljum min-naħa tal-Kunsill b'metodu ta' *slow irrigation*. Il-Kunsillier Grech infurmana li tlestew x-xogħolijiet llum fi Ġnien Mitħna Qadima, u li qed nistennew li titpoġġa lura l-ħamrija li kienet mixħuta fiż-żona.

2.3.6 Proġect Green

Is-Sindku informa lill-membri preżenti li kien hemm laqgħa mal-Proġect Green li kien preżenti l-Kunsillier Grech, u fejn kienu saru xi emendi lill-Pjanti u disinni oriġinali fejn il-membri preżenti fil-laqgħa għamlu enfasi li jiġu nklużi xi *bathrooms* f'dan il proġett sabiex jitgawdew mir-residenti. Issemmiet ukoll il-possibilta' li dawn ikunu jistgħu jintużaw b' somma ta' ħlas nominali, sabiex jinġabru xi fondi mill-Kunsill u jintuażaw sabiex tinżamm l-indafa. Il-Kunsillier Grech qal li minn tal-anqas, jekk m'humiex ser jsiru mill-Proġect Green, il-Kunsill għandu jingħata biċċa mill-art dovuta għall-proġett sabiex il-Kunsill ikun jista jagħmilhom apparti.

18:42 Daħal għal-laqgħa l-Accountant Daniel Galea bis-sistema Online.

2.3.7 Sistema ta' *Drip Irrigation* (Ħdejn Cauchi) – Rapport ta' Ħsarat

Tony il-*Handyman* infurmana li saru xi ħsarat fis-sistema ta' *Drip irrigation* li tintuża biex tissaqqa Ġnejna Mustija u li tinsab ħdejn Cauchi. Il-*lock* nstabet sgassata u l-ilma miftuħ. Ta' dan, sar rapport l-għassa u qed isiru l-investigazzjonijiet.

**2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

2.4.1 Jum il-Mosta

Il-Viċi Sindku staqsta rigward Jum il-Mosta u kif ser joħorgu l-pagamenti u jitħallas l-avveniment la darba m'hemmx flus minn fejn jiġu mħallsin il-kuntratturi. Is- Segretarju Eżekuttiv Templeman qalet illi legalment nistgħu nħallsu €3500 jew 5% tal-allokazzjoni, sakemm il-Kunsill ma jaqbilx li jithallsu iktar. Is–Segretarju Eżekkuttiv Templeman qalet li min ser jagħmel kuntratt magħna jrid jkun lest li jitħallas bit-tard peress illi l-Kunsill m'għandux minn fejn joħroġ flus. Il-Viċi Sindku  semma illi jum il-Mosta tiġġenera madwar €8000 u qiegħed jitlob sabiex dawk l-fondi jintużaw għall-jum il-Mosta. Is- Segretarju Eżekuttiv Templeman semmiet li hemm fond ta' €100,000 mir-Reġjuni sabiex jintużaw mill-Kunsilli *on a first come first served basis*, u sta għall-Kunsilli biex japplikaw u jintużaw dawn il-Fondi. *Wardens*, Uffiċjala tal-Immeniġjar tat-Traffiku u Enfurzar huma koperti minn dan il-Fond mingħand ir-Reġjun. Il-Viċi Sindku staqsa lill-Accountant kemm, fl-opinjoni professjonali tiegħu, jistgħu jintefqu flus fuq Gieħ il-Mosta. L-Accountant qal illi flus ma hemmx u li hemm id-dejn. Dan ifisser li l-Kunsill għandu jfittex għall-għajnuna u kwalunkwe tip ta' fondi, però għandu dejjem jonfoq l-inqas ammont possibbli. Reġa stqarr li hemm bżonn isiru l-istimi preċiżi tal- *Works Orders* pendenti sabiex wieħed ikollu stampa finanzarja ċara.

2.4.2 Kunsillier Grech – Flus biex jinġabru

Il- Kunsillier Grech semma li hemm xi flejjes li għadhom ma nġabrux mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar f'isem id-*Development Planning Fund*; u li huwa sta ghall-Kunsill li jinġabru dawn il-flus għaliex jekk ma jinġabrux jiġu li jkunu ħargu mill-Kunsill. Is- Sindku semma illi din l-problema setgħet seħħet minħabba li l-applikazzjoni biex jinġabru l-flus intbgħatet jumejn tard. Il-Kunsillier Grech qal li jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar m'humiex ser jaċċettaw l-emendi u jirillaxxaw l-fondi minħabba li kienet saret *change in request* fuq l-*outdoor gym* ikun minħabba li l-*claim* tkun daħlet tard. Rigward il-Proġetti tal- Outdoor Gym, ż-Żokrija u Ġnien Grognet de Vasse, għad iridu jiġu kkonfermati l-accounts mal-Accountant ta' eżattament xi tħallas u x' baqa,  sabiex jingħalqu l-kontijiet u *invoices*.

19:30 Daħlet għal-laqgħa il-Kunsilliera Bonnici.

2.4.3 Tenders

Il-Kunsilliera Portelli staqsiet kemm hemm tenders li għad jridu joħorgu. Is-Sindku qal li hemm seba' tenders li għad ma ħargux u li dawn huma *drafted* u lesti għall-evalwazzjoni però għadom ma ħargux.

2.4.4 Permess ta' Sqaq Brittanja

Il-Kunsillier Buhagiar staqsa rigward permess fi Sqaq Brittanja, fejn hemm propost li jsir xi żvilupp. Il-mistoqsija tal-Kunsillier saret f'rigward tal-ippjanar tat-triq u parking f'dik ż-żona minħabba l-iżviluppi proposti u jekk xi ħadd mill-Kunsill sarx jaf b'dan il-proġett.

2.4.5 Festa

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet x'inhu propost għall-festa rigward il-parkeġġ tad-diżabbilita', in-nar tal-art u għeluq fejn Ġnejna Mustija. Is-Sindku u l-Viċi Sindku stqarrew li ser jiġu segwiti l-istess pjanijiet tas-sena preċedenti. Il-Viċi Sindku semma li harġu xi kwotazzjonijiet għall-*Mobile toilets.*

2.4.6 Dog bins

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet rigward id-*dog bins* fejn ipproponiet sabiex ssir alterazzjoni, fejn ssir toqba żgħira li tinfetaħ biċ-ċavetta biex il-kontentituri isiru iktar effettivi billi ma jintefax skart iehor u jnaqqsu l-ħmieg fiż- żona u waqt li jiġu mbattla. Is-Sindku qal illi problema rekurrenti f'dawn iż- żoni li qed ikun hemm boroż ta'tipijiet ta'skart ieħor, li mhumiex kkonċernati mad-*dog bins.*

2.4.7 Tindif

Il-Kunsilliera Bonnici stqarret illi l-Kunsill irċieva email mingħand tal- *Cleansing* li jsir b'xejn waqt il-Festa, u jekk l-Kunsill għamilx applikazzjoni għal din l-iskema. Il-Kunsillier Zerafa għandu jiċċekkja f' dan r-rigward u jibgħat l-iskeda tal-festa sabiex nibbenefikaw minn din l-iskema.

2.4.8 Animal Welfare

Il-Kunsilliera Bonnici informat illi ser tibda tagħmel reviżjonijiet lil-lista t' *Animal Welfare Officers* sabiex jitkompla x-xogħol li qed isir fir-rigward tal-*animal neutering*, flimkien mal-Animal Welfare Officer tal-Kunsill.

2.4.9 *Central strips* tal-Pjazza u Ġnejna Mustija

Il-Kunsillier Grech staqsa b'mod ġenerali għandux isir xi forma ta' *fencing* biex in-nies ma jgħaffgux il-fjuri u ħamrija. Is-Sindku enfasiżża illi ma hemmx fondi biex dan isir u kien kkonfermat mis- Segretarju Eżekuttiv Templeman.

2.4.10 Culverts

Il-Kunsillier Grech staqsa rigward t-tindif tal-*culverts.* Teżisti lista li għandu s-Sindku, fejn hemm il-*culverts* kollha mniżżlin u rrekordjati. Ser isir *follow up* f-dan r rigward. Il- Kunsill irid jinforma lill-Gvern ċentrali biex isir dan it-tindif tal-*culverts* fit-toroq li m'humiex fir-remit tal-

Kunsill. Il-Kunsill ser iġib kwotazzjonijiet biex jitnaddfu il-*culverts* illi għandu dover illi jnaddaf, ġifieri dawk li jaqgħu taħt il-Kunsill.

2.4.11 Għajnuna lill-ħwienet fi Żmien il-Festa
Il-Kunsillier Grech staqsa hux il-Kunsill ser ifittex ħlasijiet mingħand il-ħwienet fiż- Żmien tal-Festa. Il-Viċi Sindku Cassar qal li l-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li ma jirċevix ħlasijiet, allura ser ikun hemm ħlasijiet.

2.4.12 Knis u tindif
Il-Kunsillier Grech u s-Sindku iddiskutew l-iskeda tat-tindif fil-Festi peress illi s-sena li għaddiet kien hemm bżonn għajnuna addizzjonali b'forma ta' *bowser* ilma wara l- marċ sabiex jsir t-tindif b'mod iktar effiċjenti.

2.4.13 Masterplan matul is-Sena MTA
Il- Kunsilliera Grech u De Martino għandhom jaħdmu fuq il-*Masterplan* illi tikkonċerna *tables and chairs* u r-regolarizżazjoni tal- permessi.

**2.5 Rapporti**

2.5.1 Sitwazzjoni finanzjarja – Daniel Galea
L- Accountant beda billi jgħid li hemm xi works orders għadom iridu jinħadmu għall-proġezzjoni sal-aħħar ta' Ġunju (*2nd quarter*). L- Accountant għandu bżonn din id-data sabiex jkun jista jpinġi stampa ċara tal-accounts. Baqa madwar €73,000 fil-kont tal-Kunsill, li huma stimati li jkopru l-pagi tal-ħaddiema minn Lulju 2024 sa' Settembru 2024. Il – Kunsillier Grech semma li l-Kunsill qiegħed jistenna l-allokazzjoni li stmata tidħol bejn l-aħħar ta' Settembru u l-bidu t'Ottubru. Il-Kunsillier Grech talab li jsir rendikont ta' kemm hemm *Works Orders* li ħargu, u liema minnhon x-xogħol għadu ma sarx, sabiex dan jiġi kkwantifikat. Il- Vici Sindku u s-Sindku mmarkaw li jixtiequ l-kwantifikazzjoni tal-valur ta' dawn il-*Works Orders* sabiex jingħalaq is- *2nd Quarter*. Issemmiet li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jsir *Interim Audit* sabiex ix-xogħolijiet li saru u l-istatus tal-Kunsill sal- aħħar ta' Ġunju ikunu ikkwantifikati u evalwati. Il-Kunsillier Grech ippropona sabiex il-pagamenti li hemm mit-tmiem ta' Ġunju, jiġu mgħaqqdin mat-*3rd Quarter* sabiex is-*2nd Quarter* jingħalaq. L-Accountant tal-Kunsill Daniel Galea qal li ma jistax jgħaqqad is-*2nd Quarter* mat- *3rd Quarter* minħabba li bdiet leġiżlatura ġdida.

Il- Membri tal- Kunsill qablu illi ssir sospensjoni tal-aġenda biex tiġi diskussa l-Onorefiċenza ġieħ il-Mosta.

2.5.2 Onorefiċenza Ġieħ il- Mosta
Ser joħorġu applikazzjonijiet għall Ġieħ il-Mosta, u ser joħroġ avviż u jintbagħat lill- għaqdiet Mostin b'*email*; id-*deadline* ikun l- 20 t' Awwissu. Il-laqgħa li jmiss ser jiġu evalwati l-applikazzjonijiet. Saret diskussjoni sabiex jiġi stabbilit min hu eliġibbli biex jivvota, u l-Membri tal- Kunsill qablu illi l-familja estiża u *partners* ma jistgħux jipproponu jew jissekondaw qraba tagħhom. Ukoll, min ġie nominat fis-sena preċedenti, ma jistax jerġa jiġi nominat fis-sena ta' wara u jkun jista jerġa japplika s - sena ta' wara, jiġifieri, jaqbeż sena. Ser jiġu tranġati il-kriterja mingħand il-Viċi Sindku f' dan ir-rigward.

Fit- 8.30pm is Segretarju Eżekuttiv Templeman fakkret lill-membri preżenti li fadal 30 minuta sa' tmiem il-laqgħa.

2.5.3 Riżoluzzjoni

Is-Sindku qara r -riżoluzzjoni li qiegħda tiġi annessa f' Appendiċi A li jikkonċerna l-għeluq/ftuħ il-Pjazza tal-Mosta.

Is- Sindku qara r-risposta ta' Transport Malta - annessa f' Appendici B.

Is- Sindku qara stqarrija mingħand l-Arċipriet tal- Mosta - annessa f'Appendici Ċ.

Il-Kunsillier Grech bgħat komunikazzjoni f' 16:28 ta' l-istess ġurnata tal-laqgħa, annessa f'Appendiċi A_2, illi hija relatata m' Appendiċi A illi kien għadu kif jaqra s-Sindku. Il- Kunsillier Grech qal li hemm misinformazzjoni fl-istqarijja tas-Sindku. Il-Viċi Sindku u s-Sindku qalu li kien hemm żewġ laqgħat ippjanati sabiex il- Kunsill il-ġdid jigħata *handover* fejn kien mistieden Il-Kunsillier Grech u ma kienx hemm qbil rigward id-data tal- attendenza. Il - Kunsillier Grech enfasizza li l-aħħar stqarrijja m'hijiex minnha.

Is– Sindku talab illi l-laqgħa tiġi estiża sabiex titkompla l-aġenda filwaqt li ma kienx hemm qbil unanimu mill-membri tal- Kunsill.

**2.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fid-9:06pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għat 27 t' Awwissu 2024 fis-6:00pm.

Konfermati llum 27 t' Awwissu 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Gatt | Jeremy Bartolo |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

APPENDIĊI A.

# Riżoluzzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Mosta

15 ta' Lulju 2024

Fid-dawl ta' diversi opinjonijiet espressi mill-komunita Mostija u imsieħba soċjali li joperaw ġewwa l-Mosta, qed nipproponu li jiġu riveduti l-ħinijiet tal-għeluq taċ-ċentru tal-Mosta (Pjazza Rotunda u Triq il-Kungress Ewkaristiku) l-ewwel nett:

1) mid-9 sa 15 ta' Awwissu 2024, b'tali mod li l-ħinijiet il-ġodda tal-għeluq tal-pjazza jkunu dawk li jintużaw is-soltu fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Santa Marija, ibbażati fuq l-bżonn li ma jxekklux l-attivitajiet ippjanati mill-Knisja u s-soċjetajiet u għaqdiet Mostin, bil-koperazzjoni sħiħa tal-pulizija u l-forzi tal-ordni.

2) Mill-ewwel weekend tal-bidu ta' Settembru (31 ta' Awwissu u 1 ta' Settembru) iċ-ċentru tal-Mosta (Pjazza Rotunda u Triq il-Kungress Ewkaristiku) ma jibqax jingħalaq kif seħħ fl-aħħar xhur u t-traffiku jibqa jitħalla jgħaddi, dejjem diment li ma jkunx hemm attivita komunitarja jew kummerċjali. Dan abbażi tal-fehma ta' numru kbir ta' residenti u entitajiet kummerċjali li l-għeluq kien wieħed ta' impatt negattiv fuq l-komunita u l-livell ta' għajxien tal-Mostin, kif turi Annex B. Dan it-tibdil sar mingħajr l-konsultazzjoni meħtieġa mar-residenti Mostin. Apparti minn hekk skont Annex A, l-għeluq kien wieħed mingħajr awtorizzazzjoni tal-entitajiet responsabbli u għaldaqstant kien illeġġittimu.

**Joseph Gatt**
**Sindku**
**Proponent**

**Thomas De Martino**
**Kunsillier**
**Sekondant**

RECEIVED
16 JUL 2024
MOSTA
LOCAL COUNCIL

JB

APPENDIĊI B.

## Micallef Camilleri Nadia at Mosta Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Joseph Gatt <josephgattmostalc@gmail.com> |
| **Sent:** | Monday, 15 July 2024 22:12 |
| **To:** | Mosta Local Council at Mosta Local Council; Templeman Lorraine at Mosta Local Council; Keith Cassar; Micallef Camilleri Nadia at Mosta Local Council |
| **Subject:** | 'Riżoluzzjoni KL Mosta' |
| **Attachments:** | Screenshot_20240715_215622_Microsoft 365 (Office).jpg; Riżoluzzjoni KL Mosta.pdf |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Mayor,

Thanks for the cordial and informative meeting held yesterday in relation to Mosta Traffic Management.

May we kindly draw the following important points :

Immediate Action

Changes in Traffic Management in Mosta l/E tal-Qares (namely Triq il-Parsott, Triq il-Kappar and Triq il-Farkizzan). This should be reverted as per original traffic flows; i.e. as at May 2024. If the local council wishes to discuss any requirements in terms of safety or traffic routes, kindly feel free to revert accordingly. Note that there was no TM authorisation for these changes in traffic flows.

It was also pointed out from your end that Triq tal-Hanqa has been turned to no traffic zone during week days. There is no authorisation from TM for this change, please remove the restriction.

There was also a request from your end in relation to changing of the traffic direction of Triq San Gwann to permit flow into Triq il-Kbira and then into Triq L-Isperanza. TM has inspected the site and it results that traffic can already flow in this direction. There was no TM authorisation for the changes on this road (it seems that this has been changed twice in the past couple of months), however TM is permitting this on a temporary basis; i.e. until other flows are resolved since it understands that residents should not need to go onto the arterial road to cross from one part to another of Mosta. It was also noted that a van is permanently parked in Triq San Gwann c/w Triq il-Kbira. It is recommended that the LC instructs enforcement action for this illegal parking to be fined since the van is hindering the safe turning into Triq il-Kbira.

Mosta Square : it is to be noted that the changes in Mosta Square are not approved by TM. However, the Local Council should take immediate action to paint stop markings at the corner between Triq il-Kbira and Triq il-Kungress Ewkaristiku and on the exit from the junction from Triq il-Kuncizzjoni to Triq il-Kbira since there is real danger of a serious collision. STOP vertical signs should also be added, should it be the case that these have not been installed.

Please note that the LC should inform the Authority once that the above changes are carried out.

Other consideration on the Local Road Network :

It is to be noted that TM gathered traffic flow data in the week between the 1st June and the 8th June from site. TM has also done a comparison with 2016 data available on google maps. During our meeting, the LC informed that since the gathering of data from site, other changes have been carried out. TM has hence carried out a second site inspection and again noted the current traffic flows. The following results
The local council should not change any further flows unless authorised by TM.
From inspection, it results that a number of roads are under construction. The direction of traffic on these roads is reversed from original. These roads include
Triq ix-Xorxa
Triq Guzeppi Callus
p/o Triq Gilormu Cassar c/w Triq it-Torri
Possibly the changes in flow are of a temporary nature. Kindly ensure that these roads are reverted to the original as soon as the works are complete. If it is the case, that this temporary traffic management is not need as is, please discuss with the temporary traffic management section – TM so that the change occurs in the immediate.

TM was also informed that there has been introduction of timed parking in the main parking area next to the church. TM informed that this is not approved.

The Arterial & Distributor Network :

It is noted that there has been a drastic unauthorised change in the Flow of Triq il-Kungress Ewkaristiku which is on the arterial network. This change in flow was complemented by a change in Triq il-Kbira which is on the local network. To our knowledge, no road safety audits have been carried out. This change also resulted in the introduction of a roundabout junction in Vjal L-indipendenza c/w Triq il-Kbira and a change in the junction (removal of roundabout) in Mosta square (Triq il-Kbira c/w Triq il-Kostituzzjoni).

This change has substantially affected Vjal L-indipendenza since additional residential Mosta traffic is pouring on the arterial network without actually having the need. In fact, Transport Malta had received complaints of increased journey times to exit from L-Imliet Area and Grognet Area since residents need to queue in Vjal l-indipendenza.

To this affect, the Authority is considering that the traffic flows in Triq il-Kungress Ewkaristiku and Triq il-Kbira may need to be reverted back to their original flows. The Authority understands that design and infrastructural works are necessary (substantial in the square). Since the local council informed that this traffic management change needs to be discussed at Local Council Level, it informed that this will be done in the August monthly meeting. The Mayor also noted that these traffic management changes may require a public consultation process and that the Local Council does not have budget to carry out any necessary changes on the arterial & distributor network.

Once that the above (point 10) is settled, the changing of other roads that are related can be considered.

The Authority noted that there is not enough turning space for a bus to perform the manoeuvre from Triq il-Kungress Ewkaristiku towards Triq il-Bazilika and that it had been informed that bus gates would be installed to stop oncoming traffic and permit the bus to turn. The stopping of traffic for the bus to turn is creating additional queues. To the knowledge of the Authority this bus gate is not functional.

The timed parking in Triq il-Kostituzzjoni was also discussed. TM informed that the only timed parking approved is as listed in the Gov Gazette. The Local Council informed that there may be the need to increase the parking time, which is currently set to one hour.

TM was also informed that p/o the square is being closed on Sunday and that possibly this should be limited only to Sat eve. TM informed that it did not approve this closure, but once that the local council submits the request, this can be seen with all the other traffic management changes and decision can be taken accordingly.

Please advise should there be something that is not in agreement from your end.

Other than this we are available to discuss as appropriate.

logo

Perit Antoinette CONTI
Director Operations Management

Office of the COO & Deputy CEO
Technical Consultancy Office

logo

+356 25554566

logo

antoinette.conti@transport.gov.mt

logo

https://www.transport.gov.mt/

logo

Malta Transport Centre, Triq Il-Pantar
Hal Lija LJA 2021, Malta

JB

APPENDICI C.

UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA. MST 2015
TEL: 21433826
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' facebook: mostaparish

15 ta' Lulju 2024.

Sur Sindku,

Bil-għajnuna ta' Alla wasalna biex niċċelbraw il-festa parrokkjali f'ġieħ Marija Assunta, patruna tal-istess parroċċa.

Matul l-ġranet tal-festa, li jibdew mill-ħruġ tal-vara minn-niċċa fid-29 ta' Lulju sa nhar il-Festa fil-15 ta' Awwissu, jkun hawn diversi attivitajiet. Għall-grazzja ta' Alla f'dawn il-jiem numru ta' nies jirrikorru għas-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin. Fosthom jkun hemm anzjani li jwassallhom xi ħadd mill-familjari.

Dan l-aħħar smajna li l-pjazza mhux se tkun aċċessibbli għat-traffiku tul il-jiem kollha ta' qabel il-festa. Il-kunsill parrokkjali wera t-tħassib tiegħu fir-rigward ta' dawn il-persuni, li bilfors iridu jaslu sal-Bazilika b'xi mezz ta' transport, minħabba li huma ma jistgħux jimxu fit-tul. Bla dubju dan se jkun ta' impediment għall-ċertu persuni biex jipparteċipaw fil-festa parrokkjali.

Nixtieq, għalhekk, li nsibu mod ta' kif ngħinu lil dawn in-nies jaslu sal-bazilika sew meta jkun hawn il-qrar, kif wkoll fil-funzjonijiet ta' matul il-kwindiċina. Jekk tixtieq niddiskutu flimkien din r-realta' biex naslu għall-soluzzjonijiet, bil-qalb kollha.

Dejjem tiegħek

Dun Sebastjan Caruana
Arċipriet.

JB

APPENDICI A2.

**Micallef Camilleri Nadia at Mosta Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Chris Grech <chris@cgamosta.net> |
| **Sent:** | Tuesday, 23 July 2024 16:29 |
| **To:** | Mosta Local Council at Mosta Local Council; Aiken Zerafa - MLC; Andre Buhagiar; Anthony Agius Decelis; Chantelle Portelli; Charlie Schembri; Joseph Gatt - MLC; Keith Cassar; Maria Pia Bonnici ; Michaela Ann Bayliss; 'Rachel Abela'; 'Sammy Mallia'; 'Thomas De Martino'; Templeman Lorraine at Mosta Local Council; 'Daniel Galea(Accountant)' |
| **Subject:** | RE: Agenda Nru 2- 23 ta' Lulju 2024 |
| **Attachments:** | RE: MOSTA SQUARE JULY & AUGUST 24 CLOSURE |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sinjuri,

Nirreferi ghar-rizoluzzjoni ffirmata mis-Sindku Joseph Gatt u Thomas Demartino datata 15 ta' Lulju 2024.

Fl-ahhar parti tar-rizoluzzjoni, jisssemma li l-gheluq (tal-pjazza fil-weekend) kien wiehed minghajr awtorizzazzjoni tal-entitajiet responsabbli u ghaldaqstant kien illegittimu.

Bhala ex-Sindku nichad kategorikament li dan l-gheluq qed isir b'mod irregolari.

Nirreferi ghal-korrispondenza ma min hu kkoncernat rigward l-gheluq ghax-xhur ta' Lulju u Awwissu 2024.
Kien hemm l-approvazzjoni ta TM, Public Transport, dehret fil-gazzetta tal-Gvern u thallsu l-Lesa mill-Kunsill.

Din il-procedura saret dejjem fix-xhur precedenti.

Din hija gidba.

Rigward il-fatt li dan l-gheluq qed isir minghajr ma saret koinsultazzjoni, din hi gidba ohra.
Il-laqgha tal-Konsultazzjoni pubblika saret fil-21 ta' Jannar 2024, indirizzata minn kulhadd, u wara dan tghajna perjodu biex kulhadd ikun jista jitkellem u jdahhal is-sottomissjonijiet tieghu rigward 'traffic management', eghluq tal-pjazza u hwejjeg ohra. L-istess Sindku kien fil-Kunsill precedenti u jaf dan kollu, infatti l-eghluq tal-pjazza fil-weekend u festa week gie approvat UNANINAMENT fil-minuti 66 tat-VIII legislatura.

Biex taghrfu timxu.

Seg Ezekuttiv, nitlob li din il-korrispondenza tieghi tidhol fil-minuti.

Tislijiet

Chris Grech

JB

**From:** Mosta Local Council at Mosta Local Council <mosta.lc@gov.mt>
**Sent:** Tuesday, July 16, 2024 12:31 PM
**To:** Aiken Zerafa - MLC <aiken99zerafa@gmail.com>; Andre Buhagiar <andrebuhagiar33@gmail.com>; Anthony Agius Decelis <decelis4m@gmail.com>; Chantelle Portelli <chantelleportelli84@gmail.com>; Charlie Schembri <charlieschembrimostalc@gmail.com>; Chris Grech <chris@cgamosta.net>; Joseph Gatt - MLC <josephgattmostalc@gmail.com>; Keith Cassar <keith.cassar@nectar.com.mt>; Maria Pia Bonnici <pia291291@gmail.com>; Michaela Ann Bayliss <michaelaannbayliss@gmail.com>; 'Rachel Abela' <abelarachel@hotmail.com>; 'Sammy Mallia' <sammal76@outlook.com>; 'Thomas De Martino' <demartinothomas158@gmail.com>; Templeman Lorraine at Mosta Local Council <lorraine.templeman@gov.mt>; 'Daniel Galea(Accountant)' <danielgalea@hotmail.com>
**Subject:** Agenda Nru 2- 23 ta' Lulju 2024

Sinjuri,

Anness ma din l-email għandkom issibu kopja ta' l-agenda tal-laqgħa tal-Kunsill nru 2 flimkien mal-annessi li ser issir nhar it-Tlieta 23 ta' Lulju 2024 fis-18.00 pm. fl-uffiċini tal-Kunsill.

Inselli għalikom

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

Mosta Local Council
*Civic Centre*
*Constitution Street*
*Mosta MST 9059*

**Contact details**
**General Tel.:** (00356) 2779 6000
**E-mail address:** mosta.lc@gov.mt

**Connect with us:**

Please consider the environment before printing this email

*This email and any files or content transmitted with it are confidential and intended solely for the use of the individual or entity to whom they are addressed. This message contains confidential information and is intended only for the individual named. If you are not the named addressee you should not disseminate, distribute or copy this e-mail. Please notify the sender immediately by e-mail if you have received this e-mail by mistake and delete this e-mail from your system. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited. The Council and the originator of this email accept no liability for the content of this email, or for the consequences of any actions taken on the basis of the information provided, unless that information is subsequently confirmed in writing. If you are not the intended recipient you are notified that disclosing, copying, distributing or taking any action in reliance on the contents of this information is strictly prohibited.*

